MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 09/8

It-Tnejn 21 ta’ Ottubru 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.30 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Marija Sara Vella - Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsillier

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Antoinette Azzopardi - Deputat Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

009.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

009.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (04/8 [30/08/19]; 08/8 [19/09/19]; 10/8 [14/10/19]; 11/8 [14/10/19]);

009.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

009.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

009.5 Rapporti;

009.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

009.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

009.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Sa Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.37pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**009.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

009.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li rċeviet ittra ta' apoloġija mingħand is-Sur MA Sammut li kien jinsab indispost u għalhekk ma setax ikun preżenti għal-laqgħa u għaldaqstant talab li jkun skużat. Il-Kunsill ħa nota ta' din l-apoloġija u għaldaqstant din ġiet milqugħa. Għal kull buon fini tal-proċedura, is-Sur Sammut ġie kkonsidrat bħala skużat u li din l-assenza bl-ebda mod ma għandha tnaqqas ir-remunerazzjoni tiegħu dwar l-attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill u l-pagament kif stabbilit.

**009.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (004/8 [30/08/19]; 008/8 [19/09/19]; 010/8 [14/10/18]; 011/8 [14/10/19])**

009.2.1 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

009.2.2 Minuti 008/8 punt nru 008.5.10. Is-Sur Caruana rrefera għal dawn il-minuti u xtaq jikkjarifika dan il-punt kif inhu ġej: Is-Sur Caruana staqsa jekk nistgħux inġibu stima m'għand il-perit, dwar it-triq Ħal Safi s-service road, kantuniera ma' Triq il-Kappella biex isiru aċċessibbli għall-karrozzi.

009.2.3 Wara din l-kjarifika, il-Kunsill b'mod unanimu approva dawn il-minuti nru 004/8; 008/8; 010/8 u 011/8 nem con.

009.2.4 Punti li ħarġu mill-minuti:

Punt nru 008.5.10. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Perit tal-Kunsill sabiex imur fuq il-post u jagħti l-verżjoni tiegħu dwar ix-xewqa tal-Kunsill. Is-Sur JM Calleja se jattendi għal din l-ispezzjoni fuq il-post.

**009.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

009.3.1 Gal Xlokk. Is-Sindku rreferiet għall-imejl li l-Kunsill irċieva dwar il-Gal Xlokk. Is-Sindku stiednek lis-Sur Formosa sabiex jagħti spjegazzjoni dwar x'ġara minn mindu ġie waqqaf il-Gal Xlokk. Il-Kunsill preċedenti (nru 7) kien qed jiġi rrappreżentat minn Sa. D. Grech (Kunsilliera).

Sabiex il-Kunsill ikun membru attiv f'dan il-Gal Xlokk, huwa meħtieġ li l-Kunsill iħallas is-somma ta' €2,500.00 (€500 għal kull membru tal-Kunsill) ta' darba u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jibda jibbenifika mill-programmi li jkun hemm għas-snin mill-2021 'il quddiem.

Il-Kunsill qabel li jsiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex isir dan il-ħlas ħalli b'hekk il-Kunsill ikun membru fi ħdan il-Gal Xlokk u jkollu l-opportunitajiet sabiex japplika għal skemi differenti li jaqgħu taħt il-Gal Xlokk.

009.3.2 Bankina fi Triq William Baker, il-Gudja. Is-Sindku rreferiet għall-imejl mibgħuta mill-Għaqda Mużikali Marija Assunta dwar talba sabiex, parti mill-bankina li tmiss mal-entratura tal-każini, tiġi aċċessibbli għall-kulħadd. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li din it-tema għandha tiġi diskussa mal-ħaddiema tal-Kunsill. F'każ li dan ix-xogħol ma jistax isir mill-ħaddiema, il-Kunsill għandu jiġbor tliet kwotazzjonijiet sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

009.3.3 Latrini pubbliċi fi Triq William Baker, il-Gudja. Is-Sindku qalet li xi ħadd mhux magħruf seraq vit u soap dispenser. Dwar dan sar rapport lill-Pulizija. Is-Sindku nfurmat illi l-vit reġgħa nxtara u li s-soap dispenser kien se jinxtara. Dwar it-tappiera tad-drenaġġ, il-Kunsill qed jiġbor xi kwotazzjoni sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

009.3.4 Is-servizz tal-knis madwar il-Gudja. Is-Sindku rreferit għas-servizz b'urġenza dwar il-knis madwar ir-raħal. Dan is-servizz mhux qed jingħata kif mixtieq u għalhekk għandha tissejjaħ laqgħa mal-kuntrattur. Ġie nnutat ukoll illi mad-dawra ta' Ġnien R. Caruana mhux qed isir u għalhekk ġie ssuġġerit li għandu jsir moniteraġġ tax-xogħol ta' knis li qed isir.

Is-Sindku qalet ukoll li se ssir laqgħa mad-Direttur tal-Cleansing Department sabiex jiġi diskuss dwar il-ħtieġa li ssir tindifa tajba mar-raħal kollu sabiex it-toroq jitnaddfu waħda tajba.

009.3.5 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Kif kien infurmat il-Kunsill permezz ta' imejl mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, ngħata l-approvazzjoni biex Sa. A. Azzopardi tinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Gudja u dan b'effett mill-10 ta' Ottubru 2019. Dan ġie nnotifikat ukoll fuq il-Gazzetta tal-Gvern datata 15 ta' Ottubru 2019.

Is-Sindku qalet li bagħtet l-imejl lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jikkjarifika l-pożizzjoni tas-Sur R. Busuttil, iżda sal-lum għad m'għandhiex risposta.

Il-Kunsill ġie infurmat ukoll illi qed isiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex jiġu approvati l-firem u b'hekk jinħarġu l-ħlasijiet pendenti.

009.3.6 Kont bankarju – fixed term account. Il-Kunsill ġie infurmat illi dan il-kont se jagħlaq u għalhekk il-Kunsill approva li dan il-kont jerġa' jiġġedded għal sitt xhur oħra.

009.3.7 Laqgħa mal-Kap tal-Iskola Primarja tal-Gudja. Is-Sindku qalet li qed isiru l-arranġamenti sabiex issir laqgħa mal-Kap tal-Iskola flimkien mal-Kunsilliera Sa. Micallef sabiex jiġu diskussi diversi temi. Din il-laqgħa hi proposta li ssir il-Ħamis 24 ta' Ottubru 2019.

009.3.8 Laqgħa mal-Ministru Bartolo. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi se ssir laqgħa mal-Ministru Bartolo dwar diversi temi fosthom l-edukazzjoni u l-iskola primarja tal-Gudja. Din se ssir il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2019 fil-11.30am.

009.3.09 Laqgħa mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali dwar il-proġett ta' Ġnien Raymond Caruana. Is-Sindku nfurmat illi se ssir laqgħa oħra biex il-proġett jieħu dinamika oħra biex il-proġett jitkabbar iktar skont in-neċċessità tal-Gudja. Se jingħataw aktar dettalji dwar id-data u l-ħin ta' din il-laqgħa aktar 'il quddiem.

009.3.10 Laqgħa ma' Transport Malta. Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mas-Sur M. Cohen dwar il-parkeġġ fil-Gudja. Hija qalet li ser jsir studju li jiddetermina kemm hawn vetturi rreġistrati fil-Gudja u kemm vetturi barra mill-Gudja jipparkjaw ġewwa l-Gudja, sabiex b'hekk ikun jista' jsir pjan dwar il-parkeġġ.

Dan l-istudju se jsir minn Transport Malta bl-għajnuna tal-Kunsill. Skont l-istudju li joħroġ, isir pjan u dwar dan il-pjan trid issir konsultazzjoni pubblika.

Is-Sur JM Calleja stqarr li l-Kunsill preċedenti kien mwiegħed minn Transport Malta li se jsir dan l-eżerċizzju fil-Qasam tad-Djar t'Tal-Mitħna, iżda għal xi raġuni mhux magħrufa dan l-istudju qatt ma sar.

Is-Sur Caruana qal li l-iktar ħaġa importanti hi li jiżdiedu l-ispazji tal-parkeġġi u li dawn l-ispazji jkunu għall-Gudjani sabiex b'hekk ma tiżdiedx il-problema dwar vetturi li ma humiex ta' residenti Gudjani.

Saret diskussjoni.

Is-Sindku qalet li se tagħti aktar dettalji aktar 'il quddiem.

009.3.11 Reserved parking għat-tobba fi Vjal it-Torri, il-Gudja. Is-Sindku qalet li kellha talba sabiex isir parking bay riservata għat-tobba viċin tal-ispiżerija fi Vjal it-Torri. Il-Kunsill qabel li għandha tinkiseb aktar informazzjoni mit-TM dwar din it-talba.

Sospensjoni tal-aġenda — Peress li s-Sur Caruana ma setax idum aktar għal-laqgħa tal-Kunsill, huwa talab sabiex issir sospensjoni tal-aġenda u l-Kunsill jiddiskuti tema 009.5 – Rapporti. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel ma' din is-sospensjoni.

**009.5.0 Rapporti**

009.5.2 Stefan Caruana

a. Attività Milied ta' Dari. Is-Sur Caruana stqarr li l-Kunsill kien mwiegħed is-somma ta' €2500.00 mir-Reġjun Nofsinhar dwar din l-attività. Għal din l-attività se jinħatar Sotto Kumitat li d-dettalji tiegħu se jingħataw f'laqgħa oħra.

b. Tiżjin tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Is-Sur Caruana ta spjega dwar x'kien isir fis-snin li għaddew, u l-Kunsill qabel li dan it-tiżjin isir bħas-snin li għaddew u jsir ftehim mal-Għaqda Mużikali Marija Assunta, mas-Soċjetà Filarmonika La Stella u mal-Parroċċa sabiex iżejnu t-toroq tal-qalba tal-Gudja u dan bi ħlas ta' €1110.00 għal kull għaqda.

c. Tiżjin fil-Qasam tad-Djar tal-Mitħna. Is-Sur Caruana ta spjega dwar il-qagħda tat-tiżjin tal-Milied li kien jintrama f'Tal-Mitħna. Il-Kunsill qabel li dan it-tiżjin mhux f'qagħda tajba li jerġa' jintrama u għalhekk il-Kunsill se jesplora x'jista' jsir sabiex tiżżejjen din l-area. Aktar tagħrif jingħata f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

   Is-Sindku pproponiet li għandha tiġi ddentifikata area fejn tista' tiġi armata siġra tal-Milied. Se tinġabar aktar informazzjoni u tingħata f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

d. JChallenge. Is-Sur Caruana tkellem dwar l-attività tal-JChallenge li se tiġi organizzata mill-Grupp Żgħażagħ Gudja mit-08 sal-10 ta' Novembru ħdejn Ġnien Raymond Caruana, il-Gudja. Il-Kunsill approva li jagħti kull għajnuna dwar din l-attività. Il-Kunsill approva wkoll li jipprovdi s-servizz ta' Security matul il-lejl fejn in-nefqa hi bejn wieħed u ieħor €150.00 kif ukoll il-ħlasijiet tal-permessi mingħand il-Pulizija. Il-Kunsill se jieħu ħsieb ukoll ipoġġi t-tabelli ta' no parking f'din l-area mit-03 ta' Novembru 2019 sabiex jibdew l-armar.

e. Tappiera fi Triq Ħal Safi. Is-Sur Caruana qal li hemm tappieri tad-drenaġġ fi Triq Ħal Safi, il-Gudja li qed tagħmel ħafna storbju meta jgħaddu l-vetturi minn fuqha. Għandu jsir rapport lis-sezzjoni tad-drenaġġ sabiex jieħdu l-passi meħtieġa.

Is-Sur S. Caruana ħalla l-laqgħa fis-7.38pm.

**Tkompli tal-aġenda**

009.3.12 Ftuħ tal-librerija tal-Gudja. Is-Sindku infurmat illi qed isiru tentattivi sabiex il-librerija tal-Gudja tiftaħ xi ġranet is-Sibt matul ix-xahar. Aktar dettalji jingħataw aktar 'il quddiem

009.3.13 Reġjun Nofsinhar. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi hija ġiet appuntata bħala membru fir-Regional Strategy Working Group vis a vis il-kultura.

009.3.14 Żbir ta' siġar li qed jagħlqu l-bankini. Is-Sindku nfurmat illi l-Kunsill qed jirċievi diversi ilment dwar siġar li qed jagħlqu l-bankini u għaldaqstant il-Kunsill qabel li jsir iż-żbir meħtieġ mill-ħaddiema tal-Kunsill ( Triq F. Castagna, Triq tal-Mitħna kantuniera ma' Triq l-Awrekarja u Triq San Mark)

009.3.15 Żbir ta' siġar. Is-Sindku qalet li hemm bżonn li s-siġar tas-central strip fi Vjal it-Torri u dawk ta' fejn il-ground tal-football, għandhom bżonn jinżabru sewwa peress li hemm il-biża li meta jkun ħafna maltemp dawn jitqaċċtu u jaqgħu xi friegħi li jistgħu jagħmlu xi ħsarat. Il-Kunsill qabel li għandha tinġabar stima dwar dan ix-xogħol.

009.3.16 Siġra li qed tgħatti l-bozza fi Triq l-Palazz. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar dan l-ilment u ġie maqbul li dan l-ilment għandu jiġi rreferut lill-Enemalta peress li fejn qiegħda din il-bozza hija art privata.

009.3.17 Għalqa fi Triq il-Palazz. Is-Sindku qalet li hemm aċċess miftuħ għal-għalqa li tinsab fi Triq il-Palazz, il-Gudja. Ġie deċiż li għandu jsir kuntatt mas-sid ta' din l-għalqa sabiex jagħmel xatba u b'hekk jingħalaq l-aċċess.

009.3.18 Bus shelter fi Triq Ħal Tarxien, il-Gudja. Is-Sindku qalet li kien hemm xi inċident u xi ħadd baqa' dieħel ġo dan il-bus shelter tal-ġebel. Is-Sindku infurmat li kien sar rapport mal-Pulizija iżda rriżulta li l-Pulizija ma kellhomx

informazzjoni dwar dan l-inċident. Il-Kunsill qabel li għandhom jitwaħħlu tabelli sabiex ħadd ma jagħmel użu minn dan il-bus shelter u li jitqabbad il-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel rapport dwar dan il-bus shelter sabiex b'hekk jittieħdu l-passi meħtieġa.

009.3.19 Attività bir-roti fi Triq il-Gudja. Is-Sindku infurmat illi l-Kunsill irċieva talba sabiex issir attività bir-roti fi Triq il-Gudja. Il-Kunsill iddeċieda illi ma għandux oġġezzjoni għal din it-talba, l-importanti li jkun hemm il-permessi kollha meħtieġa u li jkun hemm is-sigurtà fuq post il-ħin kollu.

009.3.20 Talba li hemm oġġezzjoni min-naħa tal-Kunsill għal tower-crane fi Ġnien R. Caruana. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar talba li saret sabiex jitpoġġa tower-crane fi Ġnien R. Caruana (bejn Triq William Baker u Triq Pietru Gagliardi) minħabba proġett ta' bini li qed isir f'din akkwata. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur sabiex il-Kunsill jingħata aktar informazzjoni dwar kemm se jdum dan it-tower crane fuq il-post u dwar jekk dan it-tower crane jistax jitpoġġa xi mkien ieħor sabiex b'hekk ma jitpoġġiex ġol-ġnien.

009.3.21 Gabbani għal-festa taċ-Ċintura. Il-Kunsill ġie infurmat illi hemm 5 applikazzjonijiet għall-gabbani tal-ikel u li dawn se jitpoġġew fi Triq San Mark bħalma sar fi snin li għaddew.

009.3.22 Għotja ta' plakka lill-Għaqda Mużikali Marija Assunta. Is-Sindku qalet li peress li l-għaqda din is-sena qed tiċċelebra l-għeluq tal-mitt sena, hija ħaġa xierqa li waqt il-festa l-Kunsill Lokali tal-Gudja jippreżenta plakka lill-Għaqda hekk bħalma sar fil-festa l-oħra.

009.3.23 Għalqa fi Triq Joseph Gravina. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex area fi Triq Joseph Caruana tiġi mnaddfa peress li din ta' spiss qed taqbad u r-residenti qed jibżgħu peress li dan jista' jkun ta' periklu. Ġie deċiż li għandha tinġabar aktar informazzjoni dwar sid l-għalqa, mill-Awtorità tal-Artijiet.

009.3.24 Video on demand tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku rreferit għall-emendi fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali li saru riċenti u għaldaqstant il-Kunsill kiseb kwotazzjoni mingħand min jagħmel il-manutenzjoni tal-live-streaming sabiex il-laqgħat tal-Kunsill ikunu on-demand. Il-prezz huwa ta' €1050.00 mingħajr il-VAT għal kull sena u ħlas addizzjonali ta' darba ta' €250.00 mingħajr il-VAT għas-set-up. Il-Kunsill kien tal-fehma li jitlob direzzjoni mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jara jekk il-Kunsill jistax jipproċedi jew inkella jridx joħroġ tender.

009.3.25 Performance bonus dwar il-ħaddiema tal-Community Workers Scheme. Is-Sindku rreferit għar-rapport ta' ħidma ta' dawn iż-żewġ ħaddiema, u l-Kunsill qabel li għandu jiġi rrakkomandat li dawn jingħataw l-ħlas massimu ta' dan il-performance bonus għas-sena 2019.

009.3.26 Laqgħat mal-kumpaniji tal-ħaddiema assenjati mall-Kunsill. Is-Sindku qalet li kienet sejra tagħmel laqgħa mal-kumpanija tal-Community Work Scheme u mal-kumpanija tar-RSS Ltd.

009.3.27 Yellow lines quddiem garaxx fi Triq R. Caruana. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex garaxx li issa qed jintuża għall-vetturi fi Triq R. Caruana, jinżebgħu sinjali sofor quddiemu. Il-Kunsill qabel sabiex jipproċedi fuq din it-talba.

009.3.28 Appell fuq applikazzjoni tal-PA fi Triq R. Caruana. Is-Sindku rreferit għal-laqgħa tal-Kunsill li saret b'urġenza dwar din it-tema. Il-Kunsill qed jistenna sabiex jiġu preżentati pjanti ġodda min-naħa tal-applikanti u meta jsir dan, il-Kunsill jinforma lill-Avukat tiegħu (tal-Kunsill) sabiex dan l-appell ikun jista' jaqa'.

009.3.29 Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina. Is-Sindku stiednet lis-Sur JM Formosa sabiex jagħti rendikont dwar x'sar s'issa fuq dawn it-toroq. Il-Kunsill ġie infurmat dwar fejn kien wasal il-Kunsill ta' qabel fuq dan il-proġett u għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li din it-tema terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

009.3.30 Parti minn Triq iż-Żebbuġa. Is-Sindku stiednet lis-Sur JM Formosa sabiex jagħti rendikont dwar x'sar s'issa fuq din it-triq. Il-Kunsill ġie infurmat dwar fejn kien wasal il-Kunsill ta' qabel fuq dan il-proġett u għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li din it-tema terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

009.3.31 Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto. Is-Sindku rreferit għal dan il-proġett u qalet li wara li l-Kunsill bagħat lill-Infrastructure Malta sabiex jara l-possibilità li l-wiċċ ta' dawn it-toroq isir b'materjal differenti, il-Kunsill ingħata tweġiba minn Infrastructure Malta li x-xogħol se jitkompla kif kien ippjanat, dak li jsir bl-asfalt.

009.3.32 Ġnien Ġlormu Cassar (Tax-Xlejli). Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi dalwaqt nirċievu d-data għal bidu ta' dawn ix-xogħlijiet f'dan il-ġnien min-naħa tal-Gvern Ċentrali.

009.3.33 Ilma tax-xita fi Triq l-Għelejjel. Is-Sindku rreferit għall-problema li qed tinħoloq meta tagħmel ammont ta' xita f'daqqa u qed tfur Triq l-Għelejjel li anke f'ċertu okkażjoni l-ilma qabeż il-livell tal-bankina. Saret diskussjoni. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jsir rapport mill-Perit tal-Kunsill sabiex tinsab soluzzjoni dwar din il-problema.

009.3.34 Ħasil taz-zuntier. Is-Sindku qalet sabiex kif sar fil-festi l-oħra fil-Gudja, għal festa li ġejja l-Kunsill għandu jordna bowżer bl-ilma sabiex jinħasel iz-zuntier qabel il-festa. Il-Kunsill approva.

009.3.35 Attività dwar Clean Up the World. Is-Sindku rreferit għall-attività li saret fi Ġnien il-Qari nhar is-Sibt 19 ta' Ottubru 2019 fejn il-Kunsill ngħata wkoll xi

fondi mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Sindku wriet id-dispjaċir tagħha peress ftit residenti attendew għal din l-attività. Persuni għal qalbhom l-ambjent sfortunatament ma attendewx lanqas.

009.3.36 Tilqim kontra l-influwenza. Is-Sindku infurmat illi hekk skont kif kienu infurmati l-Kunsilliera, it-tilqim se jinqasam fuq jumejn u se jsir mis-Sur G. Fenech u s-Sur R. Bilocca. Dan is-servizz ta' tilqim se jitqassam ukoll lil dawk li ma joħorġux mid-dar tagħhom.

**009.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

009.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**009.5.0 Rapporti**

009.5.1 John Mary Calleja (Viċi Sindku)

a. Żbir ta' siġar. Is-Sur JM Calleja informa lill-Kunsill li huwa flimkien mal-ħaddiema assenjati tal-Kunsill sar ix-xogħol ta' żbir ta' siġar fi Vjal it-Torri, il-Gudja. Hemm bżonn li dawn jinżabru wkoll minn fuq b'cherry picker u għaldaqstant il-Kunsill għandu jiġbor kwotazzjoni dwar dan ix-xogħol.

b. Toqob tan-nar tal-art u tal-armar madwar il-Gudja. Is-Sur JM Calleja irrefera għal dawn it-toqob peress li ħafna minnhom m'għandhomx għatu u għalhekk qegħdin ta' periklu. Ġie deċiż illi tinġabar aktar informazzjoni dwar dan.

009.5.3 Maria Micallef (Kunsillier)

a. Sa. Micallef irreferit għat-temi li ġew diskussi aktar 'il fuq f'dawn l-istess minuti dwar l-edukazzjoni u għaldaqstant stqarret li se tagħmel dak li tista' sabiex tkun preżenti f'dawn il-laqgħat.

**009.6.0 Temi oħra tal-Kunsill Lokali**

009.6.1 Triq iż-Żebbuġa – progress. Din it-tema ġiet diskussa aktar 'il fuq f'dawn l-istess minuti.

009.6.2 Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress. Din it-tema ġiet diskussa aktar 'il fuq f'dawn l-istess minuti.

009.6.3 Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto- progress. Din it-tema ġiet diskussa aktar 'il fuq f'dawn l-istess minuti.

009.6.4 Ġnien R. Caruana – progress. Din it-tema ġiet diskussa aktar 'il fuq f'dawn l-istess minuti.

009.6.5 Ġnien Ġlormu Cassar – progress. Din it-tema ġiet diskussa aktar 'il fuq f'dawn l-istess minuti.

**009.7.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

009.7.1 Il-lista ta' pagamenti nru 03/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Viċi Sindku u ssekondata mill-Kunsilliera Sa. Micallef għall-ammont totali ta' €46,663.19, u ġiet approvata nem con.

**009.8.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

009.8.1 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8.24pm. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 12 ta' Novembru 2019 fis-6.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

Marija Sara Vella
Sindku

Antoinette Azzopardi
Deputat Segretarju Eżekuttiv